**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ryan Vella)**

**Vs**

**Rhys Fiteni**

**Illum 9 ta' Diċembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Rhys Fiteni ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Alfred u Isabelle neè Catania, imwieled il-Pietà fl-24 ta' Marzu 1986 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 148986(M), talli nhar l-14 ta' Settembru 2021 għall-ħabta ta' 15:15hrs fi Triq il-Marfa, Mellieħa, u cioè fil-viċinanzi ta' Seabank Hotel (l-Għadira):

1. Inġurja u/jew hedded jew għamel offiża fuq persuni inkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku u cioè lil PC351 Pierre Paul Camilleri, PC110 Andrea Manuel Chetcuti, PC167 Philip Camilleri u PC479 Frank Anthony Portelli waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li jkunu jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħa jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli volontarjament ħassar, għamel ħsara u għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u/jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u/jew ġlied u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli nhar l-14 ta' Settembru 2021 għall-ħabta ta' 17:30hrs u fil-ħinijiet ta' wara ġewwa l-Għassa tal-Qawra li tinsab fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar:

4. Ħarab mill-kustodja tal-persuni inkarigati mill-kustodja tiegħu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 151 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew ħebb xort' oħra li ma jitqiesx vjolenza kontra persuni nkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku u cioè lil PC167 Philip Camilleri u PC479 Frank Anthony Portelli, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skond il-Liġi minn awtorità kompetenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' PC167 Philip Camilleri u PC479 Frank Anthony Portelli f'periklu ċar, ikkaġunalhom ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħhom, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215 u 221(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. U aktar talli nġurja u/jew hedded jew għamel offiża fuq persuni nkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku u cioè lil PC854 Denis Camilleri, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li jkun jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħa jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkonsidra lil Rhys Fiteni bħala reċidiv b'sentenza tal-Qorti Maltija, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tinbidel u dan ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "F2" a fol. 8 sa' 19 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Sarah Bezzina mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2021 u rat il-*pre-sentencing report* imħejji minnha fir-rigward ta' l-imputat markat Dok. "SB";

Rat li l-Prosekuzzjoni u d-Difiża ddikjaraw li fid-dawl tal-*pre-sentencing report* imħejji fil-konfront ta' l-imputat, ma għandhomx sottomissjonijiet x'jagħmlu;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar l-14 ta' Settembru 2021 għall-ħabta ta' 15:15hrs fi Triq il-Marfa, Mellieħa, u cioè fil-viċinanzi ta' Seabank Hotel (l-Għadira): (1) inġurja u/jew hedded jew għamel offiża fuq persuni inkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku u cioè lil PC351 Pierre Paul Camilleri, PC110 Andrea Manuel Chetcuti, PC167 Philip Camilleri u PC479 Frank Anthony Portelli waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li jkunu jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħa jew

li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) u aktar talli volontarjament ħassar, għamel ħsara u għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix €250 għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) u aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u/jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u/jew ġlied u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; Kif ukoll talli nhar l-14 ta' Settembru 2021 għall-ħabta ta' 17:30hrs u fil-ħinijiet ta' wara ġewwa l-Għassa tal-Qawra li tinsab fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar: (iv) ħarab mill-kustodja tal-persuni inkarigati mill-kustodja tiegħu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 151 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (v) u aktar talli attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew ħebb xort' oħra li ma jitqiesx vjolenza kontra persuni nkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku u cioè lil PC167 Philip Camilleri u PC479 Frank Anthony Portelli, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skond il-Liġi minn awtorità kompetenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (vi) u aktar talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' PC167 Philip Camilleri u PC479 Frank Anthony Portelli f'periklu ċar, ikkaġunalhom ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħhom, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215 u 221(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (vii) u aktar talli nġurja u/jew hedded jew għamel offiża fuq persuni nkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku u cioè lil PC854 Denis Camilleri, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li jkun jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħa jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li f'każ ta' ħtija l-Qorti tikkonsidra lill-imputat bħala reċidiv b'sentenza tal-Qorti Maltija, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tinbidel u dan ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni da parte ta' l-imputat, il-Qorti qed issib lill-istess imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat u minnu ammessi, l-ammissjoni bikrija tiegħu u ħadet in konsiderazzjoni wkoll dak konkluż mill-Probation Officer Sarah Bezzina fil-*pre-sentencing report* minnha mħejji fir-rigward ta' l-imputat.

Fl-imsemmi *pre-sentencing report*, il-Probation Officer Sarah Bezzina ikkonkludiet illi: ***Fatturi identifikati*** - *Rhys Fiteni qiegħed jiġi akkużat illi fl-14 ta' Settembru 2021 ġewwa l-lukanda Seabank hedded u inġurja uffiċjali tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom, volontarjament għamel ħsarat jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, ksur ta' bon ordni, prova jaħrab mill-kustodja tal-Pulizija u aktar talli uża reżistenza bi vjolenza fil-konfront tal-Pulizija. Minn kuntatt li sar ma' l-Ispettur Ryan Vella jirriżulta li meta l-Pulizija arrestaw lill-imputat huwa kien irreżista l-arrest minħabba l-istat ta' l-effett tax-xorb li kien fih, biss meta l-għada Rhys Fiteni*

*kien mitkellem mill-Pulizija huwa kien persuna ferm differenti u kien ikkollabora mal-Pulizija. Ħarsa lejn il-Fedina Penali ta' l-imputat turi li Rhys Fiteni kien involut f'żewġ każijiet oħra. L-ewwel każ fejn kien laqa' jew xtara affarijiet ġejjin minn qerq jew serq u l-każ l-ieħor rigward theddid jew inġurji fuq persuna oħra. Fir-rigward tal-każ odjern l-imputat qal li huwa ddispjaċut għal dak li kien għamel biss huwa ma jiftakarx eżatt. Huwa qal ukoll illi fi żmien li seħħ il-każ huwa kien għaddej minn żmien ħażin minħabba ibnu li ma jafx x'sar minnu. Fir-rigward tat-trobbija Rhys saħaq li kellu trobbija normali biss semma wkoll li kien espost għal vjolenza domestika minħabba li l-missier kellu l-vizzju tax-xorb u infedeltà. Huwa semma li l-ġenituri tiegħu kienu sseparaw eventwalment. Rhys semma wkoll li għandu relazzjoni tajba ħafna ma' ommu u ħutu. Fir-rigward ta' missieru huwa semma li kien miet iżda qabel miet kellhom relazzjoni tajba ħafna u għaldaqstant il-mewt ta' missieru kienet ħalliet impatt fuqu. Fil-preżent l-ikkonċernat qiegħed f'relazzjoni ma' Natasha Balzan fejn għandhom iben ta' 11-il xahar. Minn intervista ma' Natasha Balzan jidher li din tagħti sapport lill-imputat u jidher li l-aktar li jiftaħ qalbu magħha. L-imputat għandu żewġ ulied oħra, tifel ta' 8 snin fejn ilu ma jarah madwar sentenjn minħabba li l-omm ħarbet mill-pajjiż bih u jidher ukoll li dan il-fattur ħalla impatt negattiv fuq l-imputat. Huwa għandu wkoll tifla ta' 4 snin fejn fil-preżent qiegħed għaddej bi proċeduri sabiex ikollu aċċess b'mod legali. Fir-rigward ta' saħħa fiżika fil-preżent l-imputat qiegħed jagħmel numru ta' testijiet mediċi minħabba l-possibilità ta' tumur fil-parti privata tiegħu. Huwa wkoll jieħu trattament mediċinali minħabba kumplikazzjonijiet fil-fwied, madankollu, fil-preżent dawn il-kumplikazzjonijiet qegħdin stabbli. Fir-rigward tax-xorb l-imputat jgħid li beda jixrob fl-2013 fejn kien jixrob meta joħroġ fi tmiem il-ġimgħa. Madanakollu, il-problema tax-xorb eskalat meta l-ex sieħba kienet ħarbet bit-tifel tiegħu. Fir-rigward tal-kokaina, l-imputat jgħid li ilu madwar 8 xhur ma juża, izda saħaq li l-użu tiegħu kien okkażjonali għal madwar 3 snin. Minn kuntatt ma' aġenziji li joffru sapport kontra l-vizzji jidher li Rhys Fiteni kellu kemm-il darba kuntatt fil-passat. Biss fil-preżent huwa qiegħed jirċievi sapport mill-Aġenzija Sedqa fejn qiegħed f'kuntatt mal-keyworker Juan Vella. Minn kuntatt li sar mas-Sur Juan Vella jirriżulta illi minkejja li jżomm kuntatt dan mhux wieħed konsistenti u għaldaqstant, dan jista' jkun qed ixekkel lil Rhys milli jiħaq l-għanijiet tiegħu. Fil-preżent Rhys Fiteni sostna li mhux qieħed jagħmel użu minn sustanzi illeċiti tal-kokaina, eroina u kannabis. Għaldaqstant, sabiex ikun żgurat dan il-fattur ittieħdu żewġ kampjuni ta' l-urina ġewwa d-Dipartiment tal-Probation u Parole liema kampjuni kollha irriżultaw fin-negattiv għas-sustanzi illeċiti. Ħarsa lejn ir-rekords tal-Jobsplus jidher illi l-imputat kellu diversi xogħlijiet, bejn l-2005 u 2021 huwa kellu 11-il impjieg differenti. Fil-preżent huwa jinsab ingaġġat bħala biċċier mal-Pickless Butcher biss dan l-impjieg għadu mhux reġistrat mal-Jobsplus. **Pjan ta' Kura** - Fid-dawl ta' l-informazzjoni miġbura għal dan ir-rapport, ikun għaqli li l-imputat ikompli jirċievi trattament għal problemi ta' saħħa li għandu. Kif ukoll jimpenja ruħu sabiex il-kuntatt mal-keyworker tiegħu jkun wieħed konsistenti sabiex il-pjan ta' kura mħejji jkun jista' jiġi attwat u jżomm 'il bogħod mill-vizzji. Kif ukoll huwa importanti li jkompli jistinka sabiex ikompli jaħdem għal ħajja stabbli u produttiva u 'l bogħod mill-kriminalità. **Rakkomandazzjoni** - Għaldaqstant, sabiex l-aspetti msemmij fil-pjan ta' kura jkunu jistgħu jiġu indirizzati, qed jiġi umilment issuġġerit lil din l-Onorabbli Qorti li Rhys Fiteni jitpoġġa taħt Ordni ta' Probation skond l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz ta' din l-*

*Ordni l-imputat ikun jista' jingħata l-għajnuna li jeħtieġ filwaqt li jkun żgurat li huwa qiegħed isegwi l-ordnijiet imposti fuqu.*

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 49, 95, 96, 151, 214, 215, 221(3) 325(1)(ċ) u 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ttenni li qed issib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u peress illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ is-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li jiġi assigurat li l-imputat jżomm 'il bogħod mill-vizzji u anke sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-pubbliku u tiġi evitata l-possibilità li l-imputat iwettaq reati ulterjuri, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Probation mogħti llum stess u anness ma' u formanti parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputat bi kliem li jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni hekk imposta fuqu, jew jaghmel reat iehor tul iz-zmien li tali Ordni jkun in vigore, huwa jista' jingħata sentenza ghar-reati li taghhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet ghall-hrug ta' Ordni ta' Probation jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuq l-imputat tingħata lill-istess imputat.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**